# Qorti tal-Magistrati (Malta)

## Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

**Magistrat Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**

**Il-Pulizija**

**[Supretendent Josric Mifsud]**

**vs**

**Anthony Pisani**

**Illum, 25 ta' Jannar, 2021**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba kontra **Anthony Pisani** detentur tal-karta tal-identita` Maltija numru 574156 M akkuzat talli nhar il-5 ta' Dicembru 2014 ghal habta ta' bejn it-tmienja u d-disgha ta' filghodu (0800 – 0900 hrs), gewwa Triq ir-Rihan, Zabbar;

a) Ikkommetta serq ta' partijiet mill-arbli tad-dawl (arms) ghal valur ta mitejn u hamsa u disghin ewro u wiehed u tletin

centezmu (€295.31) ghad-detriment ta' *Enemalta plc u/jew Ludwig Rodo*, liema serq hu aggravat bil-lok, u bil-valur

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat tlieta (3) ta' Ottubru 2019;

Rat l-ezami tal-imputat li wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih;

Semghet ix-xhieda kollha prodotti u s-sottomissjonijiet tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza tittratta fuq allegat serq ta' arbli minn bicca art li dawn l-arbli kienu tal-kumpanija Enemalta plc.

Ikkunsidrat:

Illi semghet ix-xhieda ta' Jacqueline Busuttil li tirraprezenta lill-Enemalta fejn din ikkonfermat li dawn il-hames (5) arbli kienu

jiswew is-somma ta' tliet mija u tmienja u erbghin ewro u sebgha u erbghin centezmu (€348.47) fejn kienet harget *invoice* lil Ludwig Rodo li kienet ghadha ma thallsitx. Hija kkonfermat id-dokument esebit u mmarkat Dok. JB1.

Xehed ukoll __PS 624 Keith Mallan__ fejn dan kien ha rapport minn Ludwig Rodo li kienu nsterqulu xi arbli minn gol-*yard* tieghu u li xi hadd mill-familja tieghu kien ra fil-fatt xi hadd b'vann partikolari jitlaq mill-post dakinhar. Illi minn din l-informazzjoni hareg li dan il-vann kien jappartjeni lill-imputat Anthony Pisani.

Semghet ukoll ix-xhieda ta' __Ludwig Rodo__ li kkonferma dak li kien qal lis-surgent meta kien ghamel ir-rapport u fejn iddeskriva kif fejn toqghod ommu huwa ghandu ghalqa li qieghda ghandu b'self minn terza persuna, fejn iwaddab l-affarijiet hemmhekk. Ghandu materjal, trakk u hafna affarijiet ohra. Huwa jghid illi din l-ghalqa hija totalment miftuha. Huwa kkonferma illi ttiehdu hames (5) arbli li kienu f'din l-ghalqa.

Xehdet ukoll __Marion Rodo__ li toqghod quddiem din l-ghalqa u meta kienet fuq il-bejt hija tara vann u persuna maskili li kien qed jiehu

l-arbli. Hija kienet hadet in-numru tal-vann u gharfet lill-imputat fl-awla.

Finalment semghet ix-xhieda tal-imputat **Anthony Pisani** fejn dan stqarr illi fis-sena elfejn u erbatax (2014) kellu bzonn bicca pajp u kien jaf li certu Michael Axisa kellu ghalqa kbira z-Zabbar fejn kulhadd kien jarmi fiha. Huwa mar hemmhekk sabiex forsi jsib pajp tajjeb ghalih u meta mar hemmhekk huwa sab dan il-pajp u hadu. Huwa jghid illi genwinament haseb li dan il-pajp kien mormi u jghid illi kieku dik il-mara li ratu jiehdu qaltlu li dak il-pajp kien ta' xi hadd kien jaqbad u jhallih hemmhekk.

Huwa jghid ukoll illi meta ghamel l-istqarrija l-ghassa hadd ma staqsieh sabiex jurihom il-pajp jew jirritornah u jghid ukoll li din l-ghalqa minn dejjem kienet zdingata u minghajr l-ebda hajt li jdawwarha u fil-fatt hafna tfal imorru jilghabu hemmhekk sal-gurnata ta' llum. Huwa jghid ukoll:

> *"Kienu mormijin. Kulhadd jarmi l-imbarazz go fiha din. Washing machines, fridges, karrozzi. Sa karrozzi. Johdulhom li jkollhom bzonnu jarmuhom hemmhekk."*

Ikkunsidrat:

Illi d-definizzjoni legali ta' serq hija importanti f'dan l-istadju u dan sabiex tigi ccarata jekk l-imputat fil-fatt ikkommettiex ir-reat ta' serq o meno. Illi hawnhekk tigi citata decizjoni tal-Qorti tal-Appell fid-decizjoni bl-ismijiet **Il-<u>Pulizija v. Anthony Borg Inguanez</u>** deciza fis-26 ta' Awwissu 1998 fejn inghad is-segwenti:

> *"L-Ewwel Qorti korrettement irriteniet li id-definizzjoni ta' serq komunement abbraccjata fil-gurisprudenza taghna hi dik tal-Carrara u cioe': "La contrattazzjoni (. . . ) dolosa della cosa altrui, fatta "invite dominio", con animo di farne lucro".*

Din id-definizzjoni kienet elaborata mill-Manzini fuq id-definizzjoni ta' serq taht il-Kodici Kriminali Taljan u qal is-segwenti:

> *"Obbiettivamente, possono essere "altrui" soltanto quelle cose che costituiscono attualmente oggetto di propieta' o di altro diritto reale. Soggettivamente, e nel*

*senso della nozione del furto, e' "altrui" la cosa che e' in proprieta' e in possesso di una persona diversa da quella che se ne impossessa, e parimenti la cosa che, pur essendo in proprieta' di chi sottraendola se ne impossessa, si trova, di diritto o di fatto, nel potere d'altri che abbia facolta' di usarne o di disporne altrimenti. In questo senso una cosa puo' essere contemporaneamente propria ed altrui" (Manzini, V., Trattato di Diritto Penale Italiano (Nuvolone, P. E Pisapia G.D., ed.), UTET, 1984, Vol. IX, para 3229)".*

Illi apparti l-fatt illi l-allegat *res furtiva* qatt ma giet esebita fl-atti u ghalhekk prova importanti hija nieqsa, il-verzjoni tal-imputat minn dejjem kienet wahda kostanti u li huwa qatt ma kellu l-intenzjoni li jikkommetti serq. Illi di piu' jinghad illi l-fatt illi l-pajp inkwistjoni qatt ma kien identifikat specjalment mill-parte civile, din il-Qorti ma tistax tikkonstata oltre' d-dubju dettat mir-raguni li huwa l-istess wiehed li l-parte civile qed tghid illi ttiehed. Illi ghalhekk il-prova rigward kemm kienu jiswew l-arbli tal-Enemalta ma ssibx rilevanza f'dawn il-proceduri.

Illi kwistjoni ohra hija li l-imputat minn dejjem kien konsistenti meta qal illi huwa haseb illi l-pajp kien mormi bhal kull haga li kienet tinsab fl-ghalqa fejn jghid illi nies imorru hemm u jarmu kull tip ta' oggetti minn kbar sa zghar. F'dan ir-rigward il-Qorti tal-Kassazzjoni Taljana esprimiet ruhha fuq dan is-suggett fis-sentenza numru 11107/2015 (Di Benedetto, Rv. 26310501) fejn qalet li:

> *"una cosa si puo' considerare abbandonata dal proprietario quando, per le condizioni o per il luogo in cui essa si trovi, risulti chiaramente la volonta' dell'avente diritto di disfarsene definitivamente".*

Illi dan l-insenjament japplika perfettament ghall-kaz in ezami ghaliex il-post fejn ittiehed l-oggett kien certament jaghti x'jifhem li l-oggetti misjuba fl-ghalqa kienu mormija. Kien ikun differenti li kieku l-oggett ittiehed minn got-trakk li kien jipparkja l-parte civile u fejn l-imputat kien jaf li dak it-trakk kien tieghu.

Ghal dawn il-motivi l-imputat kellu nuqqas ta' *mens rea* meta ha l-oggett in ezami u ghalhekk il-fatt ma jissussistix.

Ghal dawn il-motivi mhux qed issib lill-imputat Anthony Pisani hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih u tilliberah minnhom stante li ma gewx ippruvati.

**Ft./Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Deputat Registratur**